C/2024/7277

4.12.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11779 - OAKTREE / APOLLO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/7277)

1. Fis-26ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Oaktree Capital Holdings LLC (l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn Oaktree Capital Group Holdings GP, LLC, (l-Istati Uniti tal-Amerika) u Brookfield Corporation (il-Kanada),

— Apollo Group (l-Istati Uniti tal-Amerika).

Oaktree Capital Holdings LLC se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Apollo Group.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Oaktree Capital Holdings LLC hija ditta globali ta' ġestjoni tal-investiment alternattiva u mhux tradizzjonali li tinvesti f'dejn f'diffikultà, bonds ta' rendiment għoli, titoli konvertibbli, self superjuri, kontroll korporattiv, proprjetà immobbli, ekwitajiet tas-suq emerġenti u finanzjament intermedju,

— Apollo Group hija kumpanija tal-ġestjoni tal-ospitalità ta' servizz sħiħ li sservi primarjament bastimenti tal-kruċieri.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11779 - OAKTREE / APOLLO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË